32005R1036

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1036/2005

ta' l-1 ta' Lulju 2005

li temenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward tal-arranġamenti għall-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u jiftaħ kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib [1], u partikolarment l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2535/2001 [2] jistabbilixxi, *inter alia*, regoli ddettaljati għall-applikazzjoni għall-arranġamenti ta' importazzjoni għall-ħalib u prodotti tal-ħalib ipprovduti fil-Ftehimiet tal-Ewropa bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa u l-pajjiżi Ewropej tal-Lvant min-naħa l-oħra. Sabiex jiġu implimentati l-konċessjonijiet previsti bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2005/431/KE [3] u 2005/431/KE [4] dwar il-konklużjoni tal-Protokolli Addizzjonali għall-Ftehimiet Ewropej li jistabbilixxu assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Bulgarija u r-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea, għandhom jinfetħu l-kwoti tariffarji ġodda u għandhom jiżdiedu ċerti kwoti eżistenti sa mill-1 ta' Lulju 2005, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokolli Addizzjonali.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 [5] jipprovdi għall-kwota Nru 09.1302, fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli ġejjin mill-Iżrael, li jiġu ġestiti fuq bażi ta' "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel", fi qbil mal-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [6]. Huwa xieraq li titqies il-kwota fir-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

(3) L-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 fih referenza għall-entità li toħroġ iċ-ċertifikati f'Ċipru li għandha titħassar minħabba l-adeżjoni ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-punt b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) il-kwoti previsti fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2005/430/KE (*) u 2005/431/KE (**);

(*) ĠU L 155, 17.6.2005, p. 1.
(**) ĠU L 155, 17.6.2005, p. 26"

(2) L-Artikolu 19a huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 1 jinbidel bit-test li ġej:

"1. Fi ħdan il-kuntest tal-kwoti previsti fir-Regolmenti tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 (*) u (KE) Nru 747/2001 (**), ingħataw fl-Anness VIIa għal dan ir-Regolament, l-Artikoli 308a sa 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandhom japplikaw.

(*) ĠU L 46, 20.2.2003, p. 1
(**) ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2."

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 6).
[2] ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 810/2004 (ĠU L 149, 30.4.2004, p. 138).
[3] ĠU L 155, 17.6.2005, p. 1.
[4] ĠU L 155, 17.6.2005, p. 26.
[5] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 503/2005 (ĠU L 83, 1.4.2005, p. 13).
[6] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1)

(b) Il-Paragrafu 4 jinbidel bit-test li ġej:

"4. L-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa ta' imposti għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini maħruġa skont l-Anness III għall-Ftehim maċ-Ċili jew mal-Protokoll 4 għall-Ftehim mal-Iżrael."

(3) Il-Parti B tal-Anness I għandha tinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness VIIa għandu jinbidel bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(5) Fl-Anness XII ir-ringiela li għandha x'taqsam ma' Ċipru tħassret.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-Punti (1) u (3) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"**I. B**

KWOTI TARIFFARJI SKONT IL-FTEHIMIET BEJN IL-KOMUNITÀ U L-BULGARIJA U R-RUMANIJA

1. **Prodotti li joriġinaw fir-Rumanija**

Numru tal-kwota	Il-kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (1)	Id-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Kwantitajiet (tunnellati)	
				Kwantitajiet mill-1.7.2005 to 30.6.2006	Żieda annwali mill-1 ta' Lulju 2006 u minn hemm 'il quddiem
09.4771	0402 10 19 0402 21 11	Trab tal-ħalib xkumat	B'xejn	1 500	0
	0402 21 19 0402 21 91	Trab tal-ħalib			
09.4772	0403 10 11 0403 10 13 0403 10 19 0403 10 31 0403 10 33 0403 10 39	Jogurt, bla togħma	B'xejn	1 000	0
	0403 90 11 0403 90 13 0403 90 19 0403 90 31 0403 90 33 0403 90 39 0403 90 51 0403 90 53 0403 90 59 0403 90 61 0403 90 63 0403 90 69	Oħrajn, bla togħma			
09.4758	0406	Ġobon u baqta	B'xejn (2)	3 000	200

2. **Prodotti li joriġinaw fil-Bulgarija**

Numru tal-kwota	Il-kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni (1)	Id-dazju applikabbli (% tal-MFN)	Kwantitajiet (tunnellati)	
				Kwantitajiet mill-1.7.2005 to 30.6.2006	Żieda annwali mill-1 ta' Lulju 2006 u minn hemm 'l quddiem
09.4773	0402 10 0402 21	Trab tal-ħalib xkumat Trab tal-ħalib mhux miżjud bil-ħlewwa	B'xejn (2)	3 300	300
09.4675	0403 10 11 0403 10 13 0403 10 19 0403 10 31 0403 10 33 0403 10 39	Jogurt, bla togħma	B'xejn	770	70
09.4660	0406	Ġobon u baqta	B'xejn (2)	7 000	300

(1) Minkejja r-regoli tal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-diċitura tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies li għandha valur indikattiv biss, ġaladarba, fil-kuntest ta' dan l-Anness, l-arranġamenti preferenzjali għandhom jiġu ddeterminati mill-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM. Fejn hemm referenza għall-kodiċijiet tan-NM, l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali tiġi ddeterminata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi għaliha, meħudin flimkien.

(2) Din il-konċessjoni hija applikabbli biss għal prodotti li ma jibbenefikawx minn xi xorta ta' sussidji għall-esportazzjoni."

ANNESS II

"ANNESS VIIa

1. **Tariff quota under Annex I to the Association Agreement with the Republic of Chile**

				Annual quantities (tonnes) (base = calendar year)		
Quota No	CN code	Description (1)	Applicable rate of duty (% of the MFN duty)	from 1.2.2003 to 31.12.2003	2004	Annual increase from 2005
09.1924	0406	Cheese and curd	Exemption	1 375	1 500	75

2. **Tariff quota under Annex VII to Regulation (EC) No 747/2001 as regards certain agricultural products originating in Israel**

				Annual quantities (tonnes) (base = calendar year)			
Quota No	CN Code	Description (1)	Applicable rate of duty	2004	2005	2006	from 2007 onwards
09.1302	0404 10	Whey and modified whey	Exemption	824	848	872	896

(1) Notwithstanding the rules for the interpretation of the Combined Nomenclature, the wording for the description of the products is to be considered as having no more than an indicative value, the preferential arrangements being determined, within the context of this Annex, by the coverage of the CN codes. Where ex CN codes are referred to, the applicability of the preferential arrangements is determined to the basis of the CN code and the corresponding description taken jointly."